MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Numru. 358/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**ROBERT GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Robert Galea detentur tal-Karta tal-Identita` numru 229581 (M).

**Akkuzat talli:**

Gewwa Rahal Gdid, nhar it-3 ta` April, 2010, ghal habta tas-siegha u ghaxar minuti ta` wara nofsinhar (13:10hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` serq minn fuq il-persuna ta` Anna Mizzi, li hija anzjana ta` 63 sena, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-vjolenza;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Anna Mizzi, anzjana ta` 63 sena, f'periklu car, ikkaguna offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Anna Mizzi minn Rahal Gdid;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta` dawk l-oggetti filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta` serq jew hsara fil-propjeta` (minbarra hsara involontarja fil-propjeta);

U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

U fl-ahhar nett akkuzat bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qrati tal-Magistrat (Malta) u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41 (1), 49, 50, 221, 261, 262, 267, 274 (c) (d), 276 A, 277 (a), 279 (b), 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 21, 22 tal-Kapitolu 446 u l-Artikolu 55, 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tikkoncerna attentat ta` ‘snatch and grab’ ta` handbag li kien f’idejn anzjana ta` 63 sena, Anna Mizzi, li dak il-hin kienet qed tigi akkompanjata mir-ragel taghha, Paul Mizzi. Dan l-attentat sar barra l-bieb tar-residenza tal-konjugi Mizzi gewwa Rahal Gdid u sehh fit-3 ta` April, 2010.

Illi l-qofol u s-soluzzjoni ta` din il-kawza qiedghha f’idejn ix-xhieda konjugi Mizzi illi meta xehedu ‘viva voce’ quddiem dina l-Qorti fit-28 ta` April, 2010, u cioe` sbatax (17) il-gurnata biss minn meta sehh l-incident, positivament, identifikaw l-imputat bhala l-persuna responsabbli wara li huma ddeskrivew, fid-dettal, dak illi garalhom dak in-nhar. Din l-identifikazzjoni posittiva hija wkoll ikkonfermata minn erbgha (4) ‘identification parades’ li saru b’mod ferm regolari, fejn, fl-erbgha (4) proceduri differenti, il-konjugi Mizzi, dejjem identifikaw lill-imputat bhala l-persuna responsabbli.

Illi din ix-xhieda hija kkonfermata mill-investigazzjoni tal-Pulizija li, fir-rizultati taghha tirrinforza din ix-xhieda moghtija erbgha (4) punti principali jispikkaw:

1. L-istills tal-imputat idur u prezenti fl-inhawi tat-toroq fejn sar dan it-tentattiv. Dawn lis-stills gew elevati minn CCTV footage minn cameras prezenti fl-area ta` operazzjoni;

2. Is-sejba ta` sweat shirt identiku ghal dak imlibbes mill-imputat meta huwa ttenta dan is-‘snatch and grab’, wara tfittxija liema fid-dar tieghu sweat shirt jidher b’mod ferm car fl-istills u fil-CCTV footage esibit. Dan il-flokk kien gie ukoll deskritt fid-dettal minn Anna Mizzi li ukoll

identifikat il-flok esibit fl-atti ta` din il-kawza bhala dak li kien liebes l-aggressur taghha dak in-nhar tal-incident;

3. L-istess stqarrija tal-imputat ili, wara illi nnega kwalunkwe participazzjoni tieghu f'dan id-delitt, jirrispondi hekk ghall-mistoqsija
"Ilbierah waqt tfittxija li saritlek instabet gakketta bhal dik li kont biha meta ghamilt dan l-attentat ta` serq. Nghidlek sewwa li dik hija l-istess gakketta?"
"Jista` jkun!" u jerga, ghad-domanda,

"L-arma tan-nar li kellek fuqek waqt illi kont qed tipprova din is-serqa, x'arma kienet"
It-twegiba kienet, "Ma kellix armi!"

Ir-risposti ghal dawn il-mistoqsijiet huma provi fihom innifshom. Iva, jien kont hemm pero dak m'huwiex il-flokk li jien kont liebes. Iva, jien kont hemm pero ma kellix arma.

4. Il-Pulizija zammet 4 'identification parades' fejn ghazlu 8 persuni ohra b'assimiljanza ghall-imputat u libsuhom l-istess. F'dawn l-ebda istanzi il-konjugi Mizzi dejjem mal-ewwel gharfu l-imputat. Dawn iz-zewg 'parades' saru fil-prezenza ta` Magistrat Inkwirenti.

Illi ghalhekk, l-ewwel imputazzjoni li ingabet kontra l-imputat, hija, sodisfacentement, ipprovata. Huwa wkoll ippruvah l-aggravju ta`
Valur: stante illi Anna u Pawlu Mizzi xehedu illi, fil-handbag ta` Mrs. Mizzi, kien hemm iktar minn elf Lira Maltin (Lm1,000) li kienu l-bejgh mill-hanut tas-sigaretti li l-konjugi Mizzi jiggestixxu fil-lokalita` u:

Vjolenza: stante illi l-konjugi Mizzi jaqblu li meta l-imputat aggredixxa lil Anna Mizzi huma bdew jissieltu u Anna Mizzi spiccat mal-art.

Illi dwar it-tieni akkuza migjuba, nonostante li din il-Qorti ma ghandiex ebda raguni ghaliex ma temminx lil Anna

Mizzi nonostante li ma ngabietx l-ebda evidenza medika korobattiva. Jibqa` l-fatt illi Mrs. Mizzi waqet mal-art u, wara din il-waqa`, hija baqghet tilmenta minn ugiegh ghal bosta xhur wara. Stante li l-akkuza hija ta` wahda ta` natura hafifa dina l-Qorti hija lesta sabiex temmen lil Anna Mizzi. Ergo, dina l-Qorti qieghed issib lill-imputat hati wkoll ta` din it-tieni imputazzjoni.

Illi, nonostante ma instabietx arma jew xi forma ta` arma, fit-tfittxija le saret fid-dar ta` residenza tal-imputat, dina l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen lil Pawlu Mizzi, membru anzjan u maghruf tal-Komunita` Lokali ta` Rahal Gdid. Bl-esperjenza li ghandha dina l-Qorti, huwa accettat illi l-perpetraturi ta` reati simili sikwit igorru arma bhala skorta ghal li jista` jkun illi l-affarijiet imorru skontri. Jirrizulta, ukoll, illi l-imputat ma ghandux licenzja tal-Pulizija sabiex izomm arma. Ghalhekk dina l-Qorti qiedghha issibu wkoll hati taht l-Att 480.

Illi l-akkuza ta` ricediva giet ampjament ippruvata. Vide x-xhieda tal-iSpettur David Zammit a fol 101-111 fejn esebixxa tlett (3) sentenzi fil-konfront ta` dan l-imputat liema xhieda kienet mghotija fit-2 ta` Marzu 2011.

Fir-rigward tal-pieni, dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom:

1. Il-fedina penali vasta u estensiva tal-imputat;

2. Il-komportament tieghu matul iz-zmien ta` din il-kawza;

3. Il-fatt illi huwa dipendenti minn sustanzi stupefacenti;

4. Il-fatti li dan ir-reat gie mwettaq fuq koppja mdahhla fiz-zmien u, ghalhekk, l-impatt fuq is-socjeta` huwa wiehed ferm iktar qawwi.

Temmen illi piena karcerarja effetiva hija necesserja f’dan il-kaz. Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedghha tikkundannah ghal terminu ta` detenzjoni ghall-perjodu ta` tlett (3) snin li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm b’arrest.

Il-Qorti qiedghha tirrakommanda li l-imputat jitpogga taht programm ta` ri-abilitazzjoni mid-droga stante li huwa wera x-xewqa li jirriforma ruhu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------